32007R0437

L 104/16 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 21.4.2007

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 437/2007

ta' l-20 ta' April 2007

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 622/2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002, meta meħtieġ, il-Kummissjoni jeħtiġilha tadotta miżuri biex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni tas-sigurtà fl-avjazzjoni fil-Komunità kollha. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2003 tal-4 ta' April 2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni[2] kien l-ewwel att li stabbilixxa miżuri bħal dawn.

(2) Il-miżuri pprovduti bir-Regolament (KE) Nru 622/2003 għandhom jiġu riveduti fid-dawl tal-implikazzjonijiet fuq it-tħaddim ta' dawn il-miżuri fl-ajruporti u l-impatt tagħhom fuq il-passiġġieri.

(3) Skont ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002, il-miżuri stabbiliti fl-Anness għar-Regolament (KE)Nru 622/2003 ġew ikklassifikati u ma ġewx ippubblikati. B'mod neċessarju l-istess japplika għal kwalunkwe att li jemenda.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 622/2003 għandu jiġi emendat skont dan.

---

[1] ĠU L 355, 30.12.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 849/2004 (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 1).

[2] ĠU L 89, 5.4.2003, p. 9. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1862/2006 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 36).

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 622/2003 huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

L-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament għandu japplika fir-rigward tan-natura kunfidenzjali ta' dan l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-5 ta' Mejju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' April 2007.

Għall-Kummissjoni
Jacques BARROT
Viċi President

ANNESS

Skont l-Artikolu 1 l-anness huwa sigriet u ma għandux jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*